**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Lawrence Mizzi**

**Vs**

**Alfred Baldacchino Ltd (C 10418)**

**CCT 70/25/MM**

**Illum, 28 ta' April 2026**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fit-3 ta' April 2025 fejn talab is-somma ta' elfejn ħames mija u ħamsa u ħamsin (€2,555) rappreżentanti l-prezz li huwa ħallas lis-soċjeta' intimata sabiex tinstallalu bieb ta' garage, liema garage għandu diversi difetti.
Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.
Sema' x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra s-segwenti**

Ir-Rikorrent, fl-affidavit tiegħu, jiddikjara li huwa ordna u ħallas għall-bieb tal-garaxx li kellu jkun ta' kwalità tajba u li jaħdem bla problemi, iżda li wara l-installazzjoni beda jinnota diversi difetti u problemi, li skontu ma ġewx indirizzati kif suppost. B'mod partikolari, ir-Rikorrent jenfasizza li l-bieb kien jagħmel ħoss evidenti u mhux normali waqt l-użu tiegħu, u li minkejja li kkuntattja lis-soċjetà diversi drabi, ma ngħatax rimedju sodisfaċenti.

Ir-Rikorrent jafferma wkoll li ma setax jibqa' juża l-bieb b'mod normali u li s-sitwazzjoni wasslet għal inkonvenjent sostanzjali, u għalhekk qed jitlob li jingħata rimedju, li fil-fatt jammonta għal rifużjoni jew kumpens għall-valur tal-bieb.

Illi min-naħa tagħha, is-soċjetà intimata, fl-affidavit tagħha, tagħti verżjoni sostanzjalment differenti tal-fatti. Hija tiddikjara li l-bieb ġie installat kif suppost u skont il-ftehim, u li

kwalunkwe ilment inizjali kien ta' natura minuri u relatat ma' finishing jew aġġustamenti żgħar. Is-Soċjetà intimata tgħid espressament li hija offriet li tirranġa kull difett u anke li tissostitwixxi partijiet jekk meħtieġ, u saħansitra li offriet rifużjoni sħiħa kontra r-ritorn tal-bieb, iżda li r-Rikorrent irrifjuta dawn l-offerti kollha. Barra minn hekk, hija ssostni li r-Rikorrent ħallas il-bilanċ kollu u żamm il-bieb, u li ma sar l-ebda ilment għal perjodu twil ta' żmien.

Illi fir-rigward tal-ilment dwar il-ħoss, is-soċjetà intimata tiddikjara li dan ġie rrappurtat biss wara perjodu ta' madwar għoxrin xahar mill-installazzjoni, u li sa dak iż-żmien hija kienet diġà waqfet l-operat tagħha u kienet fi proċess ta' likwidazzjoni u kien għalhekk li ma setatx toffri servizz komplut lill-klijenti tagħha.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent qiegħad jitlob rifużjoni tas-somma ta' is-somma ta' elfejn ħames mija u ħamsa u ħamsin (€2,555) rappreżentanti l-prezz li huwa ħallas lis-soċjeta' intimata sabiex tinstallalu bieb ta' garage, liema garage għandu diversi difetti. Ir-rikorrenti jgħid li l-intimat kemm il-darba qallu li se jirranġa l-bieb u/jew jibdlu iżda sad-data tal-kawża kien għadu ma sar xejn.

Illi r-rikorrenti xehed u ppreżenta prova dokumentarja li permezz tagħha huwa spjega fid-dettal ir-raġunijiet li waslu biex jitlob rifużjoni tal-flus li ħallas bħala depożitu.

It-Tribunal iqis li hemm diversi elementi kruċjali li joħorġu mill-affidavits stess tal-partijiet: L-ewwel nett, huwa paċifiku li r-Rikorrent aċċetta l-prodott u ħallas il-prezz kollu tiegħu, minkejja li, kif ammess minnu stess, kien hemm xi ilmenti inizjali. Dan huwa kkonfermat mill-affermazzjoni tas-soċjetà intimata li hija offriet rimedji inkluż rifużjoni sħiħa, liema fatt ma ġiex kontradett b'mod konvinċenti mir-Rikorrent.

It-tieni nett, it-Tribunal jinnota li hemm diskrepanza ċara bejn il-pożizzjoni attwali tar-Rikorrent u l-kondotta tiegħu fil-mument rilevanti, peress li minkejja li kien allegatament mhux sodisfatt, xorta waħda għażel li jżomm il-bieb u jħallas il-prezz kollu tiegħu.

It-tielet nett, il-punt tal-ħoss — li jidher li huwa l-qofol tal-ilment — ġie mqajjem biss wara perjodu sostanzjali ta' użu. Dan jirriżulta mhux biss mill-affidavit tas-soċjetà intimata iżda wkoll mill-fatt li r-Rikorrent ma jindika ebda ilment immedjat u kontinwu dwar dan id-difett partikolari. Madankollu, it-Tribunal jagħmel distinzjoni ċara bejn l-ilmenti inizjali u l-ilment attwali dwar il-ħoss. Filwaqt li l-ewwel setgħu jiġu meqjusa bħala kwistjonijiet minuri li ġew indirizzati jew setgħu jiġu indirizzati, l-ilment dwar il-ħoss jidher li qam f'fażi aktar tardiva. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota li l-fatt li l-prodott intuża għal perjodu

twil mingħajr ilmenti jista' jindika li ma kienx hemm difett evidenti fil-bidu, iżda dan waħdu ma jeskludix li difett seta' jinqala' fi żmien il-garanzija.

Illi meta wieħed jixtri ħaġa, għandu dritt li din il-ħaġa ma tkunx difettużż, u li tkun tal-kwalita' pattwita. Fil-kaz in ezami, hemm difett konsiderevoli fil-bieb tal-garage.

Fil-fehma tat-Tribunal, il-kwistjoni ċentrali hija jekk l-ilment dwar il-ħoss jammontax għal nuqqas ta' konformità fis-sens tal-liġi, u jekk iva, jekk ir-Rikorrent ippruvax dan b'mod suffiċjenti. Huwa prinċipju stabbilit li, taħt il-liġi tal-konsumatur, il-bejjiegħ huwa obbligat jirrispondi għal kull nuqqas ta' konformità li jidher fi żmien il-perjodu tal-garanzija legali, u li l-konsumatur huwa intitolat, bħala regola, għal tiswija jew sostituzzjoni tal-prodott. Għaldaqstant, il-fatt li r-Rikorrent aċċetta l-prodott inizjalment jew li rrifjuta rimedji preċedenti ma jfissirx li huwa tilef id-drittijiet tiegħu fir-rigward ta' difett li jista' jkun qam aktar tard.

Madankollu, dan id-dritt mhuwiex assolut u huwa suġġett għall-oneru tal-prova. Ir-Rikorrent għandu juri li l-allegat difett:
(i) jikkostitwixxi devjazzjoni mill-istandard ta' kwalità li wieħed jista' jistenna b'mod raġonevoli;
(ii) jaffettwa l-funzjonalità jew l-użu normali tal-prodott; u
(iii) mhuwiex riżultat ta' użu normali jew *wear and tear.*

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut u jekk it-*top cupboard* u l-biċċa ta' fuq tal-*fridge* inqalawx wara l-għeluq tal-garanzija jew matul il-garanzija.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

F'dan il-każ, it-Tribunal josserva li r-Rikorrent jillimita ruħu li jafferma li l-bieb "jagħmel ħoss", iżda ma jipproduċi ebda prova teknika, rapport ta' espert jew evidenza oħra li tikkonferma li tali ħoss huwa abormali jew li jikkostitwixxi difett sostanzjali. Lanqas ma ġie muri li dan il-ħoss jaffettwa l-operazzjoni jew is-sigurtà tal-bieb.

Minn naħa l-oħra t-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intimata minkejja li tippreżenta affidavit dettaljat, ma ssemmi xejn fuq il-kwistjoni tal-ħoss u ma tagħmilx oppożizzjoni b'saħħitha biex tikkontradixxi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent. Għalhekk minkejja li ma ġiex stabbilit il-grad tad-difett, wieħed jippreżumi li kien hemm xi forma ta' difett. Illi huwa evidenti wkoll fuq ammissjoni tagħha stess li s-soċjet'a intimata ma tistax tindirizza din il-problema f'dan l-istadju, stante li biegħet il-makkinarj kollu, m'għandiex ħaddiema u s-soċjeta' intimata qegħda fi stadju li tiġi xolta.

Għalhekk it-Tribunal sejjer isib li l-bieb tal-garage kien milquf b'difett matul il-perjodu tal-garanzijja.

Fir-rigward tal-quantum, it-Tribunal isib li r-Rikorrent ma ppreżenta ebda prova konkreta ta' danni jew spejjeż li jistgħu jiġu kkwantifikati, u għalhekk it-Tribunal ser jagħddi biex jilqa' t-talba parzjalment u jillikwida ammont *arbitro bon viri* u qiegħad jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens *arbitrio boni viri* fis-somma ta' elf Ewro (€1000).

**Deċiżjoni**

Għal motivi senjalati dan it-Tribunal qieghed parzjalment jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, jilqa' parzjalment it-talba rikorrenti u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont illikwidat *arbitro bon viri* ta' elf Ewro (€1000) u fi żmien ħmistax-il jum mil-lum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-socjeta` intimata.

**Avv. Dr Martha Mifsud**
**Arbitru**